MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta’ Marzu, 2025

Appell Inferjuri Numru 71/2024 LM

**John Clifford Lansan Zosa (Karta ta’ Residenza numru 0416520A)**
*(‘l-appellant’)*

***vs*.**

**L-Aġenzija Identità Malta**
*(‘l-appellata’)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **John Clifford Lansan Zosa (Karta ta’ Residenza numru 0416520A)** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellant’] mid-deċiżjoni tas-7 ta’ Awwissu, 2024, [minn issa ’l quddiem ‘id-deċiżjoni appellata’] mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa ’l quddiem ‘il-

Bord'] fil-konfront tal-intimata **l-Aġenzija Identità Malta** [minn issa 'l quddiem 'l-Aġenzija appellata'], fejn iddikjara l-appell tar-rikorrent null.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-appell odjern huma s-segwenti. Fil-15 ta' Settembru, 2023, l-Aġenzija intimata ċaħdet l-applikazzjoni tar-rikorrent tat-28 ta' Lulju, 2023 għall-permess uniku. Permezz tal-ittra tagħha tal-istess data, l-imsemmija Aġenzija intimata nfurmat lir-rikorrent li mill-eżerċizzju ta' diliġenza dovuta mwettaq minn Jobsplus, irriżulta li l-prinċipal prospettiv tiegħu, is-soċjetà Safeguarding Employment Agency Limited, kienet naqset li tirreġistra l-impjegati tagħha ma' Jobsplus. Avżatu wkoll li għalhekk huwa ma kellu l-ebda *status* legali hawn Malta, u ladarba ma kellu l-ebda permess ieħor ta' residenza, il-preżenza tiegħu setgħet tkun bi vjolazzjoni tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Mertu**

3. Fis-6 ta' Ottubru, 2023 l-appellant appella mid-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata tal-15 ta' Settembru, 2023 quddiem il-Bord, u d-Direttur għaċ-Ċittadinanza u Espatrijati wieġeb fit-18 ta' Ġunju, 2024, fejn issottometta li l-appell tiegħu kien null, u għalhekk l-imsemmija deċiżjoni tal-Awtorità appellata kellha tiġi kkonfermata.

**Id-deċiżjoni appellata**

4. Il-Bord wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*“2. __Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board__*

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal* ***__Edwin Zarb et vs Gilbert Spiteri et__*** *(decided on 6th February 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The company director emailed the Appeals Board on behalf of the appellant, stating:-*

“Please accept the attached as supporting evidence as proof of the contrary to the reason for refusal. This is for Mr. John Clifford Zosa ..... In the documents attached, you will find all the necessary proof to show Safeguarding Employment Agency Limited as well as David Herman Nilsson were engaged with Jobsplus”.

*The Board notes the following documents in the appellant’s file:*

- *Identità refusal decision;*
- *The application form and brief letter of appeal;*
- *The Board’s registered receipt of the appeal;*
- *Jobsplus engagement form;*
- *Jobsplus Personal details and Employeemnt History document;*
- *The Company’s Certificate of Registration;*
- *An email; and*
- *Single Permit receipt of payment form.*

*Having read the relative submissions, the Board draws the attention of the prospective employer to the fact that it is the sole right of the appellant to lodge a formal letter of appeal and __not__ of any company representative. Hence, the Board refers to the following Court Jugement:*

*1)* ***Suman Rai vs. Id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati – 44/2021LM –*** *decided on 26th November 2021 by the Court of Appeal (Inferior Jurisdiction).*

Skont ir-Regolament 20(2) tal-L.S. 217.17, huwa biss l-applikant individwu (it-third country national) li għandu dritt jappella quddiem il-Bord, u mhux *il*-prospective

employer. Kwindi, jekk quddiem il-Bord jappella l-prospective employer u għal xi raġuni l-Bord ma jintebaħx b'dan jew ma jagħtix kas ta' dak il-fatt, kwalsiasi appell ulterjuri ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Appell (appell mid-deċiżjoni tal-Bord) ikun irritu u null.

Tgħid li ġaladarba l-prinċipal tal-appellant ma kellu l-ebda dritt jappella mid-deċiżjoni tal-Aġenzija Identity Malta fir-rigward tas-Single Permit Application ippreżentata mill-appellant, il-proċedura li l-imsemmi prinċipal intavola quddiem il-Bord hija nulla u l-Bord qatt ma seta' jieħu konjizzjoni tal-appell kif magħmul mill-prinċipal. Għalhekk l-appellant wisq inqas seta' juża dik il-proċedura u jintavola appell mid-deċiżjoni tal-Bord quddiem din il-Qorti. Il-proċedura li kellha tiġi qabel xejn addottata minnu kienet dik li jipprovdi għaliha s-subartikolu 20(2) tal-L.S. 217.17.

*2) On the same line of thought, the Court Sentence **Dragana Stoiljkovic vs. The Director of the Department for Citizenship and Expatriate Affairs – 90/2020LM –** decided on 21st April 2021 by the Court of Appeal (Inferior Jurisdiction)*

"Qabel ma tikkonsidra t-tliet aggravji mressqa mill-appellant, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tqis jekk jiswewx żewġ sottomissjonijiet preliminari li tressqu mid-Direttur appellat. Id-Direttur appellat jilqa' għall-appell interpost mill-appellanta, billi qabel xejn jirrileva li l-appell quddiem il-Bord kien sar minn Jeanne Borg għan-nom tas-soċjetà Intertax Services Limited, bħala prinċipal. Dan filwaqt li skont is-subartiklu 20(2) tal-L.S. 217.17, kien jipprovdi li 'the third country natioanl shall have the right to appeal to the Board', u l-ebda dritt ta' appell ma jinagħta lill-prinċipal. Id-Direttur appellat osserva li l-appell saħansitra lanqas ma kien redatt in rapprezentanza tal-appellanta, u għalhekk tali appeall kien wieħed pależament irritwali. Din il-Qorti taqbel u tgħid li għalhekk, l-appell li sar mis-soċjetà Intertax Services Limited quddiem il-Bord kien wieħed null. Huwa null ukoll l-appell li qiegħda tressaq l-appellanta quddiem din il-Qorti, għaliex ġaladarba hija iddeċidiet li ma tressaq l-ebda appell mid-deċiżjoni tad-Direttur appellat li kienet tolqot l-applikazzjoni tagħha, b'hekk hija ma kellha l-ebda dritt li tintavola rikors tal-appell quddiem il-Qorti. Il-Proċedura li kellha tiġi addottata minnha tirriżulta b'mod ċar u inekwivoku mis-subartikolu 20(2) tal-L.S. 217.17 u tas-subartikolu 25A(8) tal-Kap. 217".

*Therefore due to this clear violation this appeal should be declared null."*

## L-Appell

5. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu quddiem din il-Qorti fit-13 ta' Awwissu, 2024, fejn qiegħed jitlob sabiex jogħġobha:

> *"...tilqa' l-aggravji tal-Esponenti u tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Aġenzija Identità datata 15 ta' Settembru 2023, kif ukoll id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni datata 7 ta' Awwissu, 2024, u dan sabiex l-Esponenti jkun jista' jitħalla jintavola applikazzjoni ġdida ma' Aġenzija Identità Malta".*

Jgħid li l-aggravji tiegħu huma dawn: (a) l-Aġenzija appellata mxiet bi ksur tar-Regolament 15 tal-Liġi Sussidjarja 217.17; (b) huwa vittma tal-burokrazija; u (ċ) ma ġiex osservat il-prinċipju ta' *audi alteram partem;* u (d) saret interpretazzjoni skorretta tal-prinċipji ta' raġonevolezza, proporzjonalità u l-element uman.

6. L-Aġenzija appellata wieġbet fit-2 ta' Settembru, 2024, fejn issottomettiet qabel xejn li l-appell odjern huwa null u inammissibbli *ai termini* tas-subartikolu 25A(8) tal-Kap. 217, u mingħajr preġudizzju u fil-mertu, id-deċiżjoni appellata hija ġusta u għalhekk timmerita konferma.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

7. Il-Qorti ser tikkunsidra l-kwistjoni ta' natura preliminari li qiegħda tissolleva l-Aġenzija appellata, u li permezz tagħha tikkontendi li l-appell odjern huwa null u inammissibbli *ai termini* tas-subartikolu 25A(8) tal-Kap. 217. Tispjega li skont id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu, appell minn deċiżjoni tal-Bord jista' jsir biss fuq punt ta' dritt "*rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III",* u tinsisti li l-appellant mhuwiex wieħed minn dawk il-persuni li huma indikati taħt dik it-Taqsima, għaliex huwa mhux ċittadin ta' Stat Membru, u lanqas ma jinsab leġittimament fit-territorju ta' xi Stat li huwa marbut bi Ftehim dwar Fruntiera. Tgħid li dan huwa skont kif esprimiet ruħha din il-Qorti fid-diversi sentenzi tagħha li hija tgħaddi sabiex tagħmel riferiment għalihom, u tiċċita diversi siltiet minnhom in sostenn tal-argument tagħha.

8. Il-Qorti tikkunsidra li fil-każ odjern, skont l-appellant huwa kien wasal hawn Malta fl-2023 bis-saħħa ta' *Tourist Schengen Visa,* u fit-28 ta' Lulju, 2023, huwa applika għal permess ta' xogħol u ta' residenza. Jirriżulta li l-applikazzjoni tiegħu ġiet irrifjutata fil-15 ta' Settembru, 2023, u wara li l-Bord ċaħad l-appell tiegħu, fit-13 ta' Awwissu 2024, huwa ntavola appell quddiem din il-Qorti. Iżda l-Qorti ma ssib l-ebda informazzjoni fl-atti li tista' tikkonvinċiha li l-appellant tassew kellu dritt jintavola l-preżenti appell, jiġifieri li huwa fil-ġurnata tal-preżentata tal-imsemmi appell kien ċittadin ta' Stat Membru, jew li jinsab b'mod leġittimu f'Malta jew fi Stat ieħor li huwa marbut bi Ftehim dwar Fruntiera. Għalhekk il-Qorti m'għandha l-ebda għażla għajr li tikkunsidra li hija mhijiex kompetenti sabiex tisma' u tiddeċiedi l-appell odjern.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-appell odjern, filwaqt li tiddikjarah irritu u null.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**